**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Germanwings GmbH

*Konvenut:* Wolfgang Pauels

**Domanda preliminari**

Il-ħsara f'tajer ta' ajruplan minħabba vit li kien jinsab fuq il-pista tat-tlugħ jew tal-inżul (dannu kkawżat minn oġġett estern) tikkostitwixxi ċirkustanza straordinarja fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 [1]?

[1] Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fil-25 ta' Awwissu 2017 – Spiegel Online GmbH vs Volker Beck**

**(Kawża C-516/17)**

(2017/C 392/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Spiegel Online GmbH

*Konvenut:* Volker Beck

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni rigward l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet għad-drittijiet ikkonċernati stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/29/KE [1] jħallu marġni ta' diskrezzjoni għat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali?

2) B'liema mod għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fid-determinazzjoni tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet, previsti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/29/CE, tad-dritt esklużiv tal-awturi għar-riproduzzjoni [Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE] u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku [Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE] tax-xogħlijiet tagħhom?

3) Id-drittijiet fundamentali għal-libertà ta' informazzjoni [it-tieni sentenza tal-Artikolu 11(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE] jew għal-libertà tal-istampa [Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE] jistgħu jiġġustifikaw eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni [Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE] u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż id-dritt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku [Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29/KE] tax-xogħlijiet tagħhom, lil hinn mill-eċċezzjonijiet jew mil-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/29/KE?

4) Għandu jitqies li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq il-portal tal-internet ta' impriża tal-istampa ma jikkostitwixxix awtomatikament irrapportar ta' ġrajjiet kurrenti li ma jeħtieġx awtorizzazzjoni fis-sens tat-tieni każ imsemmi fl-Artikolu 5(3)(ċ) tad-Direttiva 2001/29/KE, peress li l-impriża tal-istampa kellha l-possibbiltà li titlob il-kunsens tal-awtur qabel it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u peress li hija setgħet raġonevolment tiġi mistennija tagħmel dan?

5) Pubblikazzjoni għal finijiet ta’ kwotazzjonijiet skont l-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29/KE hija nieqsa jekk it-test tax-xogħlijiet ikkwotati jew partijiet minn dan ma jiġux inkorporati fit-test il-ġdid b’mod indiviżibbli, pereżempju permezz ta’ indentazzjonijiet jew permezz ta’ noti ta’ qiegħ il-paġna, iżda jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq l-internet, permezz ta’ links, fil-forma ta’ fajls PDF li jistgħu jiġu kkonsultati b’mod awtonomu maġenb it-test il-ġdid?

6) Sabiex jiġi stabbilit mil-liema mument xogħol diġà tqiegħed b’mod legali għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fis-sens tal-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva 2001/29/KE, għandu wieħed jibbaża ruħu fuq il-kwistjoni dwar jekk dan ix-xogħol, fil-forma konkreta tiegħu, ġiex ippubblikat qabel bil-kunsens tal-awtur?

[1] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fit-28 ta’ Awwissu 2017 – Milkiyas Addis vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**(Kawża C-517/17)**

(2017/C 392/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesverwaltungsgericht

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Milkiyas Addis

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### Domandi preliminari

1. Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li, fl-implementazzjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija permezz tal-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE [1] jew inkella permezz tad-dispożizzjoni predeċessur tal-Artikolu 25(2)(a) tad-Direttiva 2005/85/KE [2], Stat Membru (f’dan il-każ, il-Ġermanja) jiċħad applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli minħabba r-rikonoxximent tal-istatus ta’ refuġjat fi Stat Membru ieħor (f’dan il-każ, l-Italja), meta l-forma tal-protezzjoni internazzjonali, u b’mod iktar speċifiku l-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-persuni li jiksbu l-istatus ta’ refuġjat, ma tissodisfax, fl-Istat Membru l-ieħor li diġà ta lill-applikant protezzjoni internazzjonali (f’dan il-każ, l-Italja), ir-rekwiżiti tal-Artikoli 20 *et seq* tad-Direttiva 2011/95/UE, mingħajr madankollu ma tasal biex tikser l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali?

2. Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, dan jgħodd ukoll meta, fl-Istat Membru fejn huma jiksbu l-istatus ta’ refuġjat (f’dan il-każ, l-Italja), il-persuni li jiksbu tali status

   a) ma jingħataw l-ebda allowance tal-għajxien, jew f’livell kunsiderevolment inqas meta mqabbel ma’ dak ta’ Stati Membri oħra, mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati b’mod differenti, f’dan ir-rigward, miċ-ċittadini ta’ dan l-Istat Membru?

   b) jingħataw, huwa minnu, id-drittijiet previsti fl-Artikoli 20 *et seq* tad-Direttiva 2011/95/UE iżda jaċċedu, fir-realtà, b’diffikultà għall-allowances li huma marbuta ma’ dawn id-drittijiet jew mal-allowances tan-networks tas-soċjetà ċivili jew tal-familja li jissostitwixxu jew jikkompletaw l-allowances tal-Istat?